MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 1693/1999/3

***Practical Trading Company Limited***
***versus***
**Kontrollur tad-Dwana**

F'dawn il-proċeduri s-soċjeta attriċi b'rikors tat-22 ta' Mejju 2008 qiegħda titlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża maqtugħa b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-29 ta' Frar 2008 għax qiegħda tgħid illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin kif igħid l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-fatti relevanti huma dawn:

Fl-1996 is-soċjeta attriċi riedet iddaħħal prodott ġdid fis-suq malti. Qabel ma għamlet hekk, sabiex tkun taf kemm

kellha tħallas dazju u sisa, talbet lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana jgħidilha x'kienet il-kategorija ta' dak il-prodott taħt is-sistema armonizzat tal-Komunità Ewropea ["*HS Code*"]. Il-konvenut wieġeb illi l-*HS Code* applikabbli kien dak ta' 2208 90 69 10, u l-attriċi għalhekk bdiet tħallas it-tariffa relativa.

Wara xi żmien l-attriċi saret taf illi l-*HS Code* tajjeb ma kienx dak mogħti mill-konvenut iżda ieħor – *HS Code* 2206 00 39 90 – u meta għarrfet lill-konvenut b'dan il-konvenut qabel magħha. L-attriċi talbet lill-konvenut iroddilha dak li kienet ħallset żejjed, iżda għalxejn, u l-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

B'sentenza tat-2 t'Ottubru 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut; b'sentenza oħra tad-29 t'Ottubru 2002 il-Prim'Awla ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut u qalet li kellu jrodd il-flus imħallsa żejda; u b'sentenza oħra tat-30 ta' Ġunju 2005 illikwidat il-ħlas żejjed li kellu jintradd mill-konvenut fis-somma ta' tlieta u tletin elf, sitt mija u erba' liri u għoxrin ċenteżmu (Lm33,604.20) – daqs tmienja u sebgħin elf, mitejn u sitta u sebgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€78,276.73), flimkien mal-imgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza.

Il-konvenut appella minn dawk it-tliet sentenzi, u din il-qorti, b'sentenza tad-29 ta' Frar 2008, ċaħdet l-appell mis-sentenza tat-2 t'Ottubru 2000 – dik dwar il-preskrizzjoni – u laqgħetu dwar iż-żewġ sentenzi l-oħra, u hekk ċaħdet it-talbiet tal-attriċi.

Il-parti relevanti tas-sentenza ta' din il-qorti tad-29 ta' Frar 2008 tgħid hekk:

«L-appellant jargumenta li din mhix sempliċi kawża fejn persuna ħallset somma mhux dovuta iżda din il-kawża taqa' fil-kamp amministrattiv fejn hawnhekk *si tratta* ta' applikazzjoni tat-Tariffa tad-Dwana. Jirreferi wkoll għall-artiklu 20A ta' l-Att dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni introdott permezz ta' l-Att XII tal-2001 [Kap. 337]. L-appellant ukoll aċċenna għall-fatt li l-ammont mitlub diġà nġabar mingħand il-konsumatur u jargumenta li allura dan ifisser li s-soċjetà m'għandhiex interess ġuridiku.

… … …

10.1. L-appellant jilmenta fuq il-fatt li l-ewwel qorti ibbażat ħafna l-argumentazzjoni tagħha fuq il-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili u *cioè* l-artikoli 1021[1] u 1022[2] dwar il-ħlas indebitu meta hawnhekk jikkonċerna l-kamp amminsitrattiv u għalhekk *si tratta* ta' awtorità pubblika li għandha r-responsabilità li tamministra l-liġijiet doganali.
Huwa jirreferi għall-artikolu 20A ta' l-Att Dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni introdott permezz ta' l-Att XII tal-2001 [Kap. 337].
Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**20A.** (1) Minkejja l-provvedimenti tal-artikoli 1012 sa 1028 tal-Kodiċi Ċivili, għandu jiġi mifhum li d-dazju mħallas skond dikjarazzjoni ppreżentata lill-Kontrollur mill-importatur jew xi persuna awtorizzata biex tagħmel dik id-dikjarazzjoni f'isem l-importatur, ikun ġie mħallas kif imiss u li kien dovut u ma għandu jkun hemm ebda rifużjoni tiegħu.

(2) Bla ħsara għall-provvedimenti tas-subartikolu (1), persuna tista' titlob skond il-liġi r-rifużjoni ta' dazju li jkun tħallas għall-importazzjoni ta' xi prodott, sakemm –

(*a*) fil-waqt li jsir il-ħlas il-Kontrollur jiġi mgħarraf bil-miktub li tkun qiegħda tiġi kkontestata l-legalità ta' dak il-ħlas; u

(*b*) it-talba għar-rifużjoni ta' dak id-dazju tiġi notifikata lill-Kontrollur mhux aktar tard minn sena wara r-rilaxx ta' l-oġġetti importati; u

(*ċ*) talba għar-rifużjoni tad-dazju ssir permezz ta' protest ġudizzjarju jew ta' ittra uffiċjali li tiġi notifikata lill-Kontrollur mhux aktar tard minn sentejn mir-rilaxx tal-oġġetti importati; u

(*d*) meta dik it-talba għar-rifużjoni tkun ibbażata fuq pretensjoni li d-dazju mħallas fuq il-prodott ma sarx skond klassifikazzjoni tajba, il-klassifikazzjoni tal-oġġetti mogħtija mill-Kontrollur tkun waħda żbaljata b'mod ċar.

(3) L-ebda persuna m'għandu jkollha, jew titqies li qatt kellha, xi dritt li titlob ir-rifużjoni ta' xi dazju li, għalkemm

---

[1] **1021.** Kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċeviha bla jedd.

[2] **1022.** (1) Kull min billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur.

seta' tħallas żejjed, ikun ġie, jew wieħed jista' jissopponi li jkun ġie, miġbur minn dik il-persuna bħala parti mill-prezz tal-oġġetti li fuqhom ikun tħallas dak id-dazju, meta dawk l-oġġetti jkunu nbigħu lil ħaddieħor.

(4) Għall-fini ta' dan l-artikolu "dazju" tinkludi kull dazju fuq l-importazzjoni, sisa, jew kull taxxa oħra li għandha tiġi mħallsa lil, jew miġbura mill-Kontrollur meta jiġu impurtati xi oġġetti.

(5) Il-provvedimenti tas-subartikolu (3), li jirreferu għal xi żmien qabel ma' jkun daħal fis-seħħ dak is-subartikolu, huma sempliċement dikjaratorji biex jitneħħa kull dubju dwar l-interpretazzjoni tal-liġi kif kienet qabel ma jkun daħal fis-seħħ dak is-subartikolu.

10.2. Ta' interess partikolari huwa s-subartikolu (3) li jistipula speċifikament li persuna m'għandhiex dritt li titlob ir-rifużjoni ta' xi dazju mħallas żejjed meta dan ikun inġabar bħala parti mill-prezz tal-oġġett meta l-oġġett ikun inbigħ lil ħaddieħor. Is-subartikolu (5) imbagħad jispjega li l-provvedimenti tas-subartikolu (3) li jirreferu għal xi żmien qabel ma jkun daħal fis-seħħ dak is-subartikolu, qegħdin hemm biex jitneħħew xi dubji dwar l-interpretazzjoni tal-liġi kif kienet qabel ma' daħal fis-seħħ is-subartikolu (3). Jiġifieri għalkemm l-artikolu 20A(3) ġie introdott fl-2001, u *cioè* wara l-fatti li wasslu għall-kawża odjerna, u minkejja l-fatt li l-Att XII tal-2001 ma jidhirx li jikkontempla xi element ta' retro-attività, ghandu jsegwi li ċ-ċirkostanzi bħal dawk tal-każ odjern għandhom jiġu kkunsidrati fl-isfond tas-subartikolu (3).

10.3. Attwalment, fil-fehma ta' din il-qorti, is-subartikolu 20A(3) sempliċiment qed jittratta l-punt tan-nuqqas ta' interess ġuridiku: dan is-subartikolu qiegħed jagħmilha ċara li meta l-importatur, minkejja li jkun ħallas dazju żejjed, jirkupra tali żieda mingħand il-konsumatur huwa m'għandux dritt jitlob rifużjoni – u dan proprju għax ladarba huwa rkupra l-flus żejda li ħallas, l-interess ġuridiku tiegħu jkun ġie eżawrit.

10.4. Dan il-punt importanti dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku kien tqajjem mill-appellant fir-raba' eċċezzjoni tiegħu, li kienet tgħid hekk:

"Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà attriċi m'għandha ebda interess ġuridiku fit-talbiet imressqa minnha f'din l-azzjoni *stante* li hija diġà

tħallset lura d-dazju u *levy* li ħallset fuq il-prodotti importati, u anke għamlet profitt minnhom, meta bigħet limsemmija prodotti.”

F’dan l-istess ħames aggravju l-appellant jerġa’ jqajjem il-punt dwar in-nuqqas ta’ interess ġuridiku u jagħmel referenza għal kawża b’ċirkostanzi simili għal dik odjerna, fejn l-importatur kien għamel kawża biex jirkupra *levy* li ħallas indebitament. Il-kawża hija dik fl-ismijiet <u>Carmelo Ellul *sive* Charles Ellul Sullivan *noe vs* Il-Kontrollur tad-Dwana</u> (Ċit. nru 418/93) deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Ġunju 2005. Mill-provi kien irriżulta li l-importatur kien ġabar il-flus li huwa rreklama meta bigħ il-merkanzija konsistenti *f’Sirtaki*, *Mikado Biscuits* fis-suq.

Il-qorti kienet irriteniet li l-karenza ta’ interess ġuridiku kienet waħda valida u dan ghaliex,

“Wieħed mill-elementi tal-interess ġuridiku hija l-attwalità, element li jrid jibqa’ jeżisti tul il-kors tal-proċeduri kollha. Jekk l-interess jiġi eżawrit u reż fix-xejn wieħed ma jistax ikompli jqis li l-interess jibqa’ attwali. *Ex admissis* l-appellat qal li huwa kien diġà ġabar il-*levy* li ħallas meta bigħ il-merkanzija. Jekk it-talba tal-appellant tiġi milqugħa jkun ifisser li huwa jkun qiegħed jerġa’ jiġbor ħlas li diġà ġabar mingħand ħaddieħor. L-interess li l-appellant jippretendi li għandu biex jiġbor lura *levy* li huwa stess ammetta li ġabar minn sorsi oħra, għalhekk, ma jeżistix. L-azzjoni ta’ ħlas indebitu hija intiża biex ma tħalli lil ħadd japprofitta ruħu minn żball li ħa ħaddieħor u sabiex dik il-parti terġa’ tiġi mqiegħda fil-pożizzjoni li kienet qabel ma ħadet l-iżball. Però mill-provi rriżulta li l-appellat irċieva minn sors ieħor il-ħlas reklamat f’dawn il-proċeduri.”

Din il-qorti tagħmel referenza wkoll għal kawża ohra simili fl-ismijiet <u>*Paolo Bonnici Ltd vs* Kontrollur tad-Dwana</u> (Ċit. nru 2154/97RCP), deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta’ Ottubru 2001, li kienet tikkonċerna l-importazzjoni tal-prodotti *Vitalite Spread* u *Bird’s Custard Powder*. Il-qorti kienet qalet hekk:

“Illi jingħad ukoll li dan l-istitut ta’ *indebiti solutio* huwa intiż sabiex il-parti li tkun ħallset indebitament dak li in verità ma jkunx dovut minnha, tkun tista’ tirkupra dak li hija ħallset lura, u b’ hekk tiġi re-integrata fil-pożizzjoni tagħha kif kienet qabel ma sar tali ħlas. … … … Illi huwa ġust u ovvju li sabiex tirnexxi din l-azzjoni d-debitur ma jridx ikun

ġà ġie kkumpensat b'mod ieħor, jew diġa rċieva l-ammont minnu mħallas b'mod ieħor, għaliex allura jekk jerġa' jitħallas mill-kreditur, huwa ma jkunx irċieva rifużjoni ta' dak li huwa ħallas, iżda jkun qed jagħmel profitt għaliex jirċievi d-doppju tal-ammont li huwa ħallas. Ċertament dan mhuwiex l-ispirtu ta' dan l-istitut legali u allura ladarba l-istess soċjetà attriċi ammettiet li hija ġà rċeviet l-ammont ta' dazju … … … billi bigħet l-istess prodotti bl-istess dazju impost fuqhom, l-azzjoni attriċi anke taħt dan l-aspett ma tistax tirnexxi, *stante* li kieku dan jiġi ammess minn din il-qorti tkun qed tawtorizza li jsir arrikkiment indebitu mill-istess soċjetà attriċi … … … ladarba l-istess soċjetà attriċi ilha li rċeviet l-ammonti li hija allegat li ħallset żbaljatament, jista' jingħad ukoll li l-istess soċjetà attriċi lanqas għandha interess ġuridiku sabiex tagħmel din l-azzjoni, interess ġuridiku miftehem fis-sens legalistiku tiegħu."

10.5. Issa niġu għall-każ odjern. Jirriżulta li fil-fatt id-dazju żejjed li ħallset is-soċjetà appellata kien fil-fatt inġabar minnha. … … …

Però l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru 2002 kienet irriteniet li l-raba' eċċezzjoni (dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku) hija:

"….għal kollox irrilevanti għas-soluzzjoni tal-vertenza *sotto* eżami. Il-liġi trid li min irċieva ħlas indebitament jirrestitwixxi dak l-ammont hekk perċepit."

Din il-qorti fid-dawl tas-suespost ma taqbilx ma' dan ir-raġunament tal-ewwel qorti u fil-fehma tagħha l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku kienet waħda valida li l-ewwel ċorti irrespinġiet erronjament. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti ser tieqaf hawn u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront tat-tieni sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Ottubru 2005 u tat-tielet sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju 2005, u ghalhekk filwaqt li tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija fid-19 ta' Jannar 2000, qieghda tirrevoka kemm id-deċizjoni mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2005, kif ukoll dik finali tat-30 ta' Ġunju 2005, u b'dan ghalhekk li qieghda, minflok, tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi kif dedotti.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż kollha tal-kawża għaż-żewġ istanzi ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut appellant

relattivament għall-ewwel deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Jannar 2000, filwaqt li dawk l-ispejjeż kollha relativi għar-revoka taż-żewġ sentenzi mogħtijin *in data* tad-29 ta' Ottubru 2005 u 30 ta' Ġunju 2005 rispettivament ikunu unikament a karigu tas-soċjetà attriċi appellata.»

Is-soċjetà attriċi issa qiegħda tgħid illi l-qorti applikat il-liġi ħażin; fir-rikors li bih talbet it-tħassir tas-sentenza ta' din il-qorti tad-29 ta' Frar 2008 u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża, hija fissret ir-raġunijiet għal din it-talba hekk:

«… … … l-onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħazina meta bbażat id-deċiżjoni kollha tagħha fuq l-artikolu 20A tal-Att XII tas-sena 2001, u dana peress illi dana l-Att u kwindi l-artikolu ċitat ma kellu qatt jiġi applikat għall-każ in eżami u dana għar-raġunijiet li ser jissemmew:-

1) il-fatti li taw lok għall-każ in eżami seħħ bejn is-sena 1996 u s-sena 1998 u kwindi ċertamant qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi applikata mill-Qorti tal-Appell;

2) illi in vista tal-premess għalhekk għandu jirriżulta li r-relazzjoni bejn is-soċjetà appellata bħala importatur u l-konvenut bħala l-Awtorità Governattiva ċertament ma kinitx regolata bil-liġi applikata mill-Qorti tal-Appell;

3) illi in vista tal-premess għalhekk għandu jirriżulta wkoll li l-argument tas-soċjetà appellata qed jiġi msaħħaħ kemm mill-provvedimenti tal-istess liġi kwotata mill-Appell u *ex admissis* kemm mill-*obiter* tas-sentenza tal-istess Qorti tal-Appell fejn ġie mistqarr u konfermat li "l-Att XII tas-sena 2001 ma jidhirx li jikkontempla xi element ta' retro-attività" u l-istess Qorti tal-Appell ma tagħti ebda spjegazzjoni, plawsibbli u mhux, il-għala iddeċidiet li xorta waħda tapplika liġi li ma kinitx applikabbli għaż-żmien meta seħħew il-ġrajjiet li wasslu għall-każ odjern;

4) illi mhux biss il-liġi adoperata ma kinitx applikabbli għaż-żmien meta ssuċċedew il-fatti li taw lok għall-każ in eżami iżda din l-istess liġi lanqas biss tista' tiġi tenuta bħala applikabbli u enforzabbli fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza tal-appell u dana minħabba l-fatt li għandu jiġi ben stabbilit li f'kaz ta' konfront bejn il-liġi maltija u dik ewropea, hija l-liġi ewropea li għandha tipprevali. Dana jirriżulta biċ-ċar fit-trattat ta sħubija li Malta għamlet mal-Unjoni Ewropea fejn jinsab ben stabbilit li f'każ ta' konflitt hija l-liġi ewropea li għandha dejjem tipprevali fuq il-liġi lokali;

5) illi fil-fatt dan l-argument tressaq mis-soċjetà appellata fir-risposta ta l-appell però jidher li l-Qorti tal-Appell injorat għal kollox din l-osservazzjoni peress illi ma tidher riflessa mkien fil-kunsiderazzjoni tagħha meta ttrattat il-preċitat ħames aggravvju;
6) illi difatti kien ġie osservat mis-soċjetà attriċi appellata fir-risposta tagħha illi l-artikolu tal-liġi li ġie applikat mill-Qorti ta l-Appell jinsab f'konflitt dirett mal-artikolu 236(1) tal-Kodiċi tad-Dwana (*Community Customs Code - Regulation (EEC) Nº 2913/92* tat-12 ta Ottubru 1992) liema artikolu tal-aħħar huwa applikabbli għal Malta tant li jinsab inkorporat fir-Raba' Skeda tal-istess Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni[3] fejn jinsab l-artikolu 20A. Dan l-artiklu jimponi fuq il-Kontrollur l-obbligu li jirrifondi d-dazji li meta ġew imħallsa ma kinux dovuti legalment;
7) illi in vista tal-premess għalhekk, il-Qorti tal-Appell messha ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-liġi maltija hija f'konflitt dirett mal-liġi ewropea u ċertament fiż-żmien meta ġie kkunsidrat, trattat u deċiż l-appell intavolat mid-Dwana, hija l-liġi ewropea li kellha tipprevali f'każ ta konflitt u difatti l-Qorti tal-Appell kienet ġiet mistiedna mis-soċjetà attriċi appellata sabiex fis-sentenza tagħha tali konflitt jiġi espressament iddikjarat;
8) illi għalhekk il-Qorti tal-Appell messha jew applikat il-liġi maltija viġenti fiż-żmien meta seħħew il-ġrajjiet li taw lok għal din il-kawża jew inkella messha applikat fl-intier il-liġi ewropea fuq dan il-punt u *cioè* dak kwotat mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha peress illi dik kienet il-liġi ewropea fil-konfront ta' tali fatti meta dawn seħħew jew ta l-anqas messha applikat ir-regolamenti u l-liġi ewropea attwali *però* ċertament mhux liġi lokali li daħlet fis-seħħ wara li ssuċċedew il-fatti meritu ta' dan il-każ u *inoltre* liġi li ma fiha ebda provvediment fi ħdanha sabiex tkun tista' tiġi applikata b'mod retroattiv. Illi *inoltre* f'dan l-aħħar kuntest jingħad li huwa prinċipju bażilari fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li ebda liġi ta' tassazzjoni ma għandha tiġi applikata b'mod retroattiv sakemm mhux espressament stipulat u wisq anqas kwindi jista' wieħed jippresumi tali

[3] Ir-Raba' Skeda kienet miżjuda fl-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni [Kap. 337] bl-Att. VIII.2001.4 u wara sostitwita bl-Att II.2002.31 u emendata bl-Avviż Legali 424 tal-200707 .

retroattività fl-applikazzjoni tagħha kif jirriżulta li għamlet il-Qorti tal-Appell f'dan il-każ. »

L-aggravju ta' l-attriċi jidher li hu maqsum fi tnejn: l-ewwel, illi l-art. 20A tal-Kap. 337 ma kienx fis-seħħ meta seħħew il-fatti relevanti; u, it-tieni, jekk lill-qorti dehrilha li kellha xorta tapplika l-liġi fis-seħħ fiż-żmien tas-sentenza, kellha tapplika dik il-liġi kollha, magħduda wkoll il-parti li, tgħid l-attriċi, hija f'konflitt mal-art. 20A u tipprevalixxi fuqu għax hija liġi ewropea li tegħleb il-liġi domestika meta jkun hemm konflitt.

Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li huma relevanti għat-talbiet tas-soċjetà attriċi huma dawn:

**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*e*) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;

**816.** Fir-rikors … … … meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata.

Rajna illi s-soċjeta attriċi qiegħda tgħid illi s-sentenza tad-29 ta' Frar 2008 applikat l-art. 20A tal-Kap. 337, li ma kienx fis-seħħ fiż-żmien relevanti u għalhekk ma kienx applikabbli, meta kellha tappliika d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar *indebiti solutio*.

Din il-qorti ma taqbilx illi s-sentenza tad-29 ta' Frar 2008 effettivament applikat l-art. 20A tal-Kap. 337. Anzi, fis-sentenza jingħad espressament illi "l-Att XII tal-2001 [li kien żied l-art. 20A] ma jidhirx li jikkontempla xi element ta' retro-attività". Ir-raġuni għala l-qorti mxiet kif igħid l-art. 20A(3) – dwar li ma hemmx jedd għar-radd ta' dazju mħallas żejjed meta dak id-dazju jkun inġabar bħala parti mill-prezz tal-bejgħ lil terzi – għalkemm dik id-

dispożizzjoni ma kinitx fis-seħħ fiż-żmien relevanti hija mfissra hekk:

… … … fil-fehma ta' din il-qorti, is-subartikolu 20A(3) sempliċiment qed jittratta l-punt tan-nuqqas ta' interess ġuridiku: dan is-subartikolu qiegħed jagħmilha ċara li meta l-importatur, minkejja li jkun ħallas dazju żejjed, jirkupra tali żieda mingħand il-konsumatur huwa m'għandux dritt jitlob rifużjoni – u dan proprju għax ladarba huwa rkupra l-flus żejda li ħallas, l-interess ġuridiku tiegħu jkun ġie eżawrit.

Effettivament, mela, il-qorti qiegħda tgħid illi l-art. 20A(3) ma daħħal xejn ġdid fil-liġi, għax kien biss applikazzjoni fil-każ partikolari tal-prinċipju ġenerali tal-ħtieġa ta' l-interess bħala element tad-dritt ta' azzjoni. Jidher ukoll illi l-qorti espressament tat deċiżjoni dwar din l-interpretazzjoni tal-liġi dwar *indebiti solutio* – u mhux tal-liġi speċjali tad-dwana – billi straħet ukoll fuq siltiet minn sentenzi oħra li jqisu dan l-element ta' l-interess ġuridiku.

Fi kliem ieħor, il-qorti applikat il-liġi dwar l-interess ġuridiku f'azzjoni dwar *indebiti solutio* u mhux l-art. 20A(3) biex waslet għall-konklużjoni tagħha. Il-fatt illi kemm il-liġi dwar l-interess ġuridiku u kemm l-art. 20A(3) jaslu għall-istess konklużjoni ma jfissirx illi s-sentenza applikat il-liġi ħażina, għax is-sentenza tagħmilha ċara illi ma kinitx qiegħda tapplika l-art. 20A(3) meta qalet espressament illi dak l-artikolu ma għandux "element ta' retro-attività'.

Il-qorti għamlitha ċara wkoll illi ma kinitx qiegħda tapplika l-art. 20A(3) bis-saħħa ta' l-art. 20A(5) – li jgħid illi d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 20A(3) "huma sempliċement dikjaratorji biex jitneħħa kull dubju dwar l-interpretazzjoni tal-liġi kif kienet qabel ma jkun daħal fis-seħħ dak is-subartikolu" – għax straħet fuq interpretazzjoni f'sentenzi oħra li ma jagħmlu ebda referenza għal dak is-subartikolu. Għalhekk ma kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-art. 20A tal-Kap. 337 għax dak li applikat il-qorti kienet il-liġi kif kienet qabel ma daħal fis-seħħ dak l-artikolu.

It-tieni aggravju tas-soċjeta attriċi – illi jekk il-qorti applikat il-liġi fis-seħħ fiż-żmien tas-sentenza kien imissha applikat il-liġi sħiħa, partikolarment l-art. 236 tal-Kodiċi tad-Dwana inkorporat fir-Raba' Skeda tal-Kap. 337, u mhux l-art. 20A biss tal-Kap. 337– ma huwiex relevanti għax, kif rajna, il-qorti ma applikatx l-art 20A, u lanqas setgħet tapplika l-art.

236 tal-Kodiċi tad-Dwana għax dak il-Kodiċi ddaħħal fis-seħħ bis-saħħa tal-art. 36A tal-Kap. 337, li kien miżjud bl-Att II.2002.30, wara li seħħew il-fatti li wasslu għall-kawża tallum.

Billi, għalhekk, ma kien hemm ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi kif igħid l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-talbiet tas-soċjetà attriċi għat-tħassir tas-sentenza tad-29 ta' Frar 2008 u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża ma jistgħux jintlaqgħu. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji ta' dan l-episodju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------